MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2025

Appell Inferjuri Numru 11/2024 LM

**Sally Caruana (K.I. numru 339766(M))**
*('L-appellata')*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*('L-appellant')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **id-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali** [minn issa 'l quddiem 'id-Direttur Ġenerali appellant'] mid-deċiżjoni mogħtija fil-31 ta' Mejju, 2024, numru 087/2024 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mill-Arbitru [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'], li permezz

tagħha ddeċieda li jilqa' l-appell tar-rikorrenti **Sally Caruana (K.I. numru 339766(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellata'].

## Fatti

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant tat-3 ta' Novembru, 2021, fejn informa lill-appellata li hija kienet tħallset żejjed is-somma ta' elfejn disa' mija tnejn u tmenin Euro u sitta u disgħin ċenteżmu (€2,982.96) rappreżentanti Għajnuna Soċjali mħallas mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, għaliex hija ma kinitx il-kap tal-familja, u għalhekk il-ħlas żejjed li kien sar kien ser jitnaqqas bir-rata ta' 10% mill-istess benefiċċju soċjali jew xi benefiċċju ieħor li hija setgħet tkun qiegħda tirċievi mingħand l-imsemmi Dipartiment. Dan sar hekk kif ċertu Nardu Grech, li kien benefiċjarju tal-pensjoni taż-żewġ terzi (TTP), Għajnuna għal Mard (SKA) u *Supplimentary Allowance* (SPA), infurma lid-Dipartiment fil-31 ta' Mejju, 2021, li huwa kien biddel l-indirizz għal 22, Flat 2, Triq tal-Karmnu, il-Belt Valletta, li huwa l-indirizz tal-appellata.

## Mertu

3. L-appellanta appellat id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant, fejn sostniet li Nardu Grech ma kienx jgħix magħha, imma fl-indirizz numru 22, Triq il-Karmnu, il-Belt Valletta.

4. Id-Direttur Ġenerali appellant wieġeb fl-14 ta' April, 2022, fejn irrileva li l-appell tal-appellata ma kien qiegħed iqanqal l-ebda punt ta' liġi jew prinċipju ta'

importanza, u għalhekk kellu jiġi miċħud. Iżda huwa żied jgħid ukoll li l-imsemmija appellata kienet applikat mill-ġdid sabiex tirċievi l-benefiċċju soċjali in kwistjoni peress li Nardu Grech kien biddel l-indirizz tiegħu, u b'hekk hija kienet bdiet terġa' tirċievi l-għajnuna mid-data tal-applikazzjoni tagħha fit-13 ta' Novembru, 2021.

**Id-deċiżjoni appellata**

5. L-Arbitru wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Illi dan l-każ jittratta talba għall-*overpayment *minħabba illi ċertu Nardu Grech indika fl-applikazzjoni tas-Sigurtà Soċjali l-indirizz 22 Flt 2 fit-Triq il-Karmnu Valletta;*
>
> *Illi l-Arbitru sema' x-xhieda tad-Dipartiment li bażikament ikkonferma li dan il-każ jirrigwardja illi Nardu Grech u l-appellanti suppost kienu jgħixu f'fond wieħed;*
>
> *Illi l-appellanti dejjem ċaħdet li hi qatt għexet ma' Nardu Grech. Inizjalment l-appellanti ma qalitx il-verità' meta qalet li lis-Sur Grech ma tafux u dan għaliex irriżulta illi x'aktarx fis-sena 2015, l-appellanti kienet applikat għal* Fostering *ukoll ma' ċertu Nardu Grech;*
>
> *Illi l-Arbitru sabiex jottjeni l-aħjar prova ma straħx fuq ix-xhieda tal-appellanti. Inizjalment l-Arbitru talab provi dwar il-kontijiet tad-dawl u l-ilma. Sfortunatement x-xhieda ta' Reuben Bonnici tal-ARMS Ltd ftit li xejn tat soluzzjonijiet għal dan il-każ. L-Arbitru stieden lid-Dipartiment sabiex jibgħat l-Ispettur fuq il-post. Id-Dipartiment bagħat l-Ispetturi Caroline Vella u Caroline Muscat li esebixxew r-rapport tagħhom bin-nota tal-1 ta' Diċembru 2023. Illi l-konklużjoni ta' dan ir-rapport, kif korraborata bir-ritratti li jinsabu wkoll fl-istess rapport turi b'mod ċar illi l-proprjetajiet 22 u 22A fit-Triq tal-Karmnu Valletta huma proprjetajiet kompletament differenti;*
>
> *Illi l-Arbitru għalhekk ser jagħżel li jistrieħ fuq ix-xhieda tal-Ispettur liema xhieda tikkorrabora l-verżjoni mogħtija mill-appellanti;*
>
> *'Obiter' l-Arbitru jinnota illi minkejja li prova jħarrek lil Nardu Grech dan ma nstab qatt. In oltre fil-verità d-dikjarazzjoni saret minn Nardu Grech stess.*

*Għaldaqstant l-Arbitru jistieden lid-Direttur Ġenerali jara jekk id-dikjarazzjoni ta' Nardu Grech tiġi mistħarrġa."*

## L-Appell

6. Id-Direttur Ġenerali appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fit-12 ta' Lulju, 2024, fejn qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex:

> *"...jogħġobha tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni mogħtija mill-Arbitru nhar il-31 ta' Mejju, 2024, fl-ismijiet premessi, u konsegwentament tgħaddi sabiex tikkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur tat-3 ta' Novembru 2021.*
>
> *Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata Sally Caruana."*

Jgħid li l-aggravju tiegħu huwa li l-Arbitru naqas milli jagħmel apprezzament tajjeb tal-provi li tressqu quddiemu, u li japplika l-liġi korrettement.

7. L-appellata wieġbet fl-24 ta' Ottubru, 2024, fejn sostniet li l-appell odjern għandu jiġi miċħud, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra d-Dipartiment.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

8. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju uniku tad-Direttur Ġenerali appellant, u dan filwaqt li tqis ukoll l-osservazzjonijiet tal-Arbitru kif jirriżultaw fid-deċiżjoni appellata, u s-sottomissjonijiet tal-appellata.

9. Id-Direttur Ġenerali appellant jissottometti li huwa jinsab aggravat bid-deċiżjoni appellata għaliex l-Arbitru naqas milli japprezza korrettement il-provi li tressqu quddiemu u japplika tajjeb il-liġi, billi hemm nuqqas ta' motivazzjoni fid-deċiżjoni appellata. Huma jagħmel riferiment għax-xhieda ta' 'Reuben

Farruguia', u anki għad-dokumenti esebiti *a fol.* RB1 u RB2 tal-inkartament tal-proċeduri quddiem l-Arbitru, u li huwa wkoll esebixxa mar-rikors tiegħu, filwaqt li jirrileva li sat-18 ta' April, 2023, Nardu Grech kien għadu jirrisjedi fl-istess fond fejn kienet toqgħod l-appellata. Jirrileva li l-kont tad-dawl u l-ilma tal-fond kif esebit, huwa f'isem l-istess Nardu Grech, u għalhekk irriżulta biċ-ċar li dan kien jgħix fl-imsemmi fond tal-appellata. Id-Direttur Ġenerali appellant b'riferiment għal dak li qalet din il-Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Chantelle Attard *vs.* Direttur Ġenerali Dipartiment Soċjali**, jinsisti li hawnhekk l-oneru tal-prova huwa fuq l-appellata. Jgħid li fil-każ odjern, l-appellata ma ressqitx prova sabiex turi li Nardu Grech ma kienx jgħix magħha, iżda biss evidenza sabiex turi li l-fondi 22 u 22A kienu residenzi separati minn xulxin. Jirrileva li skont ir-rapport investigattiv tal-ispetturi tad-Dipartiment, il-fond 22A bħalissa qiegħed jinkera permezz ta' kirjiet qosra, u l-appellata ma ppreżentat l-ebda evidenza sabiex turi li Nardu Grech kien għamel xi żmien jgħix f'dak il-fond. Jissottometti li hija wkoll naqset milli ġġib prova tajba sabiex tikkontradixxi dak li kien jirriżulta mid-dokumenti ppreżentati minnu, jiġifieri l-kontijiet li kienu waslu fil-fond tagħha f'isem Nardu Grech, u li kienu jolqtu proprju dak l-istess fond. L-appellant jirrileva li wara li ġew istitwiti l-proċeduri preżenti, Nardu Grech kien biddel il-karta tal-identità tiegħu għal fuq l-indirizz 74, Triq il-Melita, il-Belt Valletta. Jgħid li l-Arbitru kien saħansitra għaraf li l-appellata ma kinitx qalet il-verità meta stqarret li hija ma kinitx taf lil Nardu Grech, u dan fid-dawl tad-dokumenti li ġew esebiti fejn intwera li hija flimkien ma' Nardu Grech kienu *foster carers* almenu sal-31 ta' Jannar, 2020. Id-Direttur Ġenerali appellant jgħid li fid-dawl ta' dan kollu, l-Arbitru għażel li jemmen il-verżjoni tal-appellata, iżda dan fejn il-perijodu ndikat ma kienx dak in kwistjoni bejn il-5 ta' Ġunju, 2021, u t-12 ta'

Novembru, 2021. L-appellant jispjega li d-deċiżjoni tiegħu kienet tistrieħ fuq il-prova li ħarġet mill-applikazzjoni għall-*fostering* u mill-kontjiet tal-ARMS esebiti bħala RB1 u RB2. Jissottometti li fil-fehma tiegħu, l-Arbitru naqas milli jimxi skont l-artikolu 30 tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda wkoll li japplika l-prinċipji ta' ekwità u ġustizzja *ai termini* tas-subartikolu 108(9) tal-istess liġi.

10. L-appellata ssostni li d-deċiżjoni appellata hija tajba għaliex l-Arbitru tassew spjega r-raġunijiet tiegħu li wasluh sabiex jilqa' l-appell tagħha. Tgħid li dan qal *"[i]lli ...għalhekk ser jagħżel li jistrieħ fuq ix-xhieda tal-Ispettur liema xhieda tikkorrobora l-verżjoni mogħtija mill-appellanti"*, liema spetturi kienu ppreżentaw ir-rapport tagħhom iżda tiegħu hija qatt ma rċeviet kopja, u lanqas tar-ritratti esebiti mid-Dipartiment. Għalhekk tgħid li ma kienx korrett id-Direttur Ġenerali appellant meta sostna li l-Arbitru ma kienx offra motivazzjoni għad-deċiżjoni tiegħu. Tgħid li jekk id-Direttur Ġenerali appellant min-naħa l-oħra kien qiegħed jsostni li l-Arbitru għamel apprezzament żbaljat tal-fatti, dawn iż-żewġ argumenti ma jmorrux flimkien. L-appellata tissottometti li anki fejn jikkontendi li "l-*Arbitru kien żbaljat fl-apprezzament tiegħu rigwardanti x-xhieda ta' Reuben Farrugia",* id-Direttur Ġenerali appellant kien żbaljat. Tirrileva li kunjom ix-xhud fil-fatt kien Bonnici, u meta l-Arbitru qies ix-xhieda tiegħu, huwa kien stieden lid-Dipartiment sabiex jibgħat spettur fuq il-post, iżda tgħid li d-Direttur Ġenerali appellant saħansitra hawnhekk qiegħed jattakka x-xhieda tad-Dipartiment meta dan mhux aċċettat mir-regoli tal-proċedura ċivili. Tinsisti li skont il-provi rriżulta li ż-żewġ fondi 22 u 22A huma separati u distinti minn xulxin, u hija tirrisjedi fl-appartament 2 f'numru 22, Triq il-Karmnu, il-Belt Valletta. L-appellata tissottometti li madankollu d-Direttur Ġenerali appellant

ma riedx jaċċetta dan il-fatt. Tikkontendi li dak li kien qiegħed jallega d-Direttur Ġenerali appellant kien tenut iġib prova tiegħu huwa stess.

11. Il-Qorti mill-ewwel għandha tgħid li mkien fil-prova dokumentarja ma jissemma l-fond numru 22A f'Triq il-Karmnu, il-Belt Valletta, iżda dejjem hemm riferiment għall-fond numru 22 f'dik it-triq. F'dan ir-rigward tirrileva li d-dokumenti esebiti mix-xhud Reuben Bonnici, rappreżentant tas-soċjetà ARMS Limited, inklużi kopji tal-kont tad-19 ta' Mejju, 2023, u tad-19 ta' Lulju, 2023, maħruġ fuq isem l-appellata, u dak tat-18 ta' April, 2023, maħruġ fuq isem Nardu Grech, kollha jagħmlu riferiment għall-fond numru 22, u mkien m'hemm xi riferiment għall-fond 22A. Kien imbagħad waqt is-seduta tad-29 ta' Novembru, 2022, li l-appellata filwaqt li ddikjarat li hija kienet taf lil Nardu Grech minn wiċċu biss, iddikjarat li dan kien jgħix f'fond ieħor biswit dak tagħha, u li kien iġib in-numru 22A. Iżda hawnhekk l-Arbitru kien tenut li jimxi bil-kawtela, għaliex bla dubju ta' xejn l-appellata ma kinitx qiegħda tgħid il-verità dwar il-konoxxenza tagħha ta' din it-terza persuna. Mid-dikjarazzjoni iffirmata miċ-*Chairperson* tal-*Fostering Board* fl-1 ta' Frar, 2015, jirriżulta li ġiet estiża l-approvazzjoni tal-imsemmi Bord għal ħames snin oħra fir-rigward tal-*Foster Carers* indikati bħala l-appellata u Nardu Grech mill-1 ta' Frar, 2015, sal-31 ta' Jannar, 2020. Tgħid li għalhekk dan id-dokument għandu jkun evidenza ampja tal-fatt li l-imsemmija *foster carers* fil-probabbiltà kollha kienu qegħdin jirrisjedu flimkien fl-istess fond, anki waqt il-perijodu in kwistjoni. Imbagħad tikkunsidra li jekk isem Nardu Grech ma kienx reġistrat fuq il-fond numru 22 fir-Reġistru Elettorali ta' April, 2021, lanqas ma kien indikat fuq il-fond numru 22A, u għalhekk l-estratt esebit ma jistax jikkostitwixxi prova konklużiva tar-residenza tiegħu.

12. Il-Qorti tagħraf li l-qofol tal-vertenza kien jirrigwarda l-fatt allegat min-naħa tad-Direttur Ġenerali appellant, li Nardu Grech kienx qiegħed jgħix flimkien mal-appellata fil-perijodu bejn il-5 ta' Ġunju, 2021, u t-12 ta' Novembru, 2021, fil-fond Flat 2, 22, Triq il-Karmnu, il-Belt Valletta. Tgħid li hija ssibha ferm diffiċli li taċċetta li ma kienx. Dan tgħidu għaliex id-dokumenti esebiti mir-rappreżentant tas-soċjetà ARMS Ltd, jindikaw lil Nardu Grech bħala l-utent tas-servizzi tad-dawl u tal-ilma fuq il-fond numru 22, Triq il-Karmnu, il-Belt Valletta għall-perijodu bejn 17 ta' Frar, 2021, u t-3 ta' Mejju, 2021, liema perijodu jolqot ukoll il-perijodu ta' żmien li fih allegatament l-appellata u Nardu Grech kienu qegħdin jgħixu fl-imsemmi fond. Kien imbagħad jispetta lill-appellata tispjega u tikkontradixxi din il-prova daqstant ċara favur dak li qiegħed jiġi allegat mid-Direttur Ġenerali appellant.

13. Għaldaqstant il-Qorti ssib li l-aggravju tad-Direttur Ġenerali appellant huwa ġustifikat, u tilqgħu.

## <u>Decide</u>

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell odjern billi tilqgħu, u b'hekk tħassar id-deċiżjoni appellata, u tikkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant tat-3 ta' Novembru, 2021.**

**L-ispejjeż tal-preżenti proċeduri għandhom ikunu a karigu tal-appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**